# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## BEATU ANDREA ABELLON (1375 - 1450)

## MEJJU 15



B. ANDREA ABELLON, 1365-1450
*15 maggio, sacerdote*

Andrea Abellon twieled gewwa Saint Maxim fi Franza fis-sena 1375. Ta' eta' zaghzugha dahal mad-Dumnikani ta' dik il-belt li kienu l-kustodji tal-fdalijiet ta' Santa Marija Madalena.

Kien imharreg sewwa fit-teologija u anke predikatur attiv hafna. L-ezempju tieghu li jghix skont l-ispirtu tar-regola dumnikana kien ta' glorja lil Alla. Andrea kien ukoll jippossedi talent rari tal-pittura.

Huwa lahaq professur tat-teologija u ghalliem ta' l-istess suggett gewwa Montpellier, Parigi u Avignon. Kien jinqeda' bit-talent tal-pittura biex bix-xoghlijiet tieghu jerfa' l-menti u l-qlub tal-fidili lejn l-hwejjeg tas-sema. Kien imharreg sewwa fit-teologija u anke predikatur attiv hafna. L-ezempju tieghu li jghix skont l-ispirtu tar-

regola dumnikana kien ta' glorja lil Alla.  Kien ukoll jippossedi talent rari tal-pittura.

Huwa lahaq professur tat-teologija u ghalliem ta' l-istess sugget gewwa Montpellier, Parigi u Avignon. Kien jinqeda' bit-talent tal-pittura b iex bix-xoghlijiet tiegh jerfa' l-menti u l-qlkub tal-fidili lejn l-hwejjeg tas-sema.

Andrea Abellon hadem id f'id u ta l-ghajnuna tieghu lil dawk li riedu jaghtu riforma lil ordni dumnikana bhalma kienu l-Beatu Raimondo da Capua u ohrajn.  Irnexxilu  jistabbilixxi tibdil gewwa l-kunventi ta' Arles, Aix u Marsilja. Dan ghamlu mhux biss bil-kelma izda wkoll bl-ezempju.

Huwa mhux biss kien isum skont ir-regola dumnikana, izda wkoll izid penitenzi ohra. Dawn il-hwejjeg qaddisa kienu jaghtu sahha lil appostolat tieghu.

Miet gewwa Aix fil-15 ta' Marzu tas-sena 1450 fejn mar biex joffri l-ghajnuna tieghu lil dawk morda bil-pesta. Gie midfun fil-knisja konventwali ta' Saint Maxim quddiem l-artal maggur fejn sal-lum il-fidili ghadhom jaghtuh qima.  Kien il-Papa Ljun XIII li approva l-kult lejh f'Awissu tas-sena 1902